MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Numru 556/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvette Farrugia**
**V**

**CARMEL CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL CAMILLERI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Emanuel u Doreen nee Cutajar, imwieled Pieta nhar l-wiehd u tletin ta' Jannar 1981 u li joqghod 'Adrian', Triq G. Trigance, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 92981M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'B'Bugia, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2001 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda u b'hekk jissejjhu reat kontinwat;

a. Talli bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Guinivere Schembri minuri ta' sittax il-sena;

b. Talli b'ghemil zieni ikkorrompa lil persuna taht l-eta u cioe lil Guinivere Schembri, minuri ta' sittax il-sena;

c. Talli minghajr ordni skon dl-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Guinivere Schembri minuri ta' sittax il-sena u dan sabiex bhala mara tigi mgieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

d. Talli offenda l-pudur jew morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku;

e. Talli uza vjolenza biex sforza lil Guinivere Schembri taghmel xi haga kontra l-volunta taghha; u

f. Talli uza kliem ta' theddid ghal hajja ta' Guinivere Schembri meta qalilha li kien ser joqtolha.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Marzu 2004 kif jirrizulta a fol 94 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz in minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hamsa ta' April 2004 a fol 95 tal-atti odjerni.

Rat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sebgha ta' Mejju 2002 esibita fl-atti bhala dokument YF 1 a fol 15 tal-atti u l-istqarrija rilaxxjata mill-allegata vittma Guinivere Schembri rilaxxjata nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002 esibita fl-atti markata bhala dokument YF 4 a fol 20 tal-atti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehdet Guinivere Schembri** li stqarret li hija ghandha relazzjoni mal-imputat u ilha ghaddejja biha ghal dawn l-ahhar disgha xhur. Iddikjarat li l-imputat llum il-gurnata tbiddel, fis-sens li immatura u li hija ma xtaqitx tkompli b'dawn bil-proceduri odjerni jekk kien possibbli. Hija hafritlu ghal dak kollu li ghamlilha u riedet issahhah r-relazzjoni taghha mieghu u ma rieditx tarah l-habs.

Illi minn ezami tac-certifikat tat-twelid taghha esibit fl-atti a fol 18 markata bhala dokument YF 2 jirrizulta li hija twieldet fid-dsatax ta' Marzu 1985 u ghalhekk illum hija maggorenni ai fini tal-ligi u ghalhekk ma hemmx lok li tkun rapprezentata mill-genituri taghha.

Il-Qorti tistmerr dawn it-tip ta' akkuzi u cioe korruzzjoni ta' minorenni, u wisq aktar stupru, specjalment meta rat li minn din r-relazzjoni twieldet tarbija, tifel li llum jinsab fil-kura tal-omm Guinivere Schembri.

Minn naha l-ohra pero il-Qorti rat li ghalkemm is-Sinjorina Schembri giet stuprata u korrotta mill-imputat, xorta baqghet ghaddejja b'relazzjoni mieghu u ghalhekk thoss li f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti m'ghandhix tkun iebsa fl-applikazzjoni tal-piena. Hija pero ma tridtx taghti l-impressjoni lis-socjeta li min jikkommetti dawn t-tip ta' reati, sejjer b'xi mod jigi agevolat dwar il-piena jew ma jigix punit skond il-haqq, billi kull kaz ghandu jigi gudikat fuq il-merti partikolari tieghu.

F'dan il-kaz, ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma li ghar-reati messha tikkundanna lil imputat piena karcerarja, stante l-gravita tal-kaz, pero in vista ta dak li qalet Guinivere Schembri fix-xhieda taghha nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, hija sejra tissospendi l-perjodu effettiv taghha.

**Il-Qorti ghalhekk,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 198, 203, 86, 87(1)(g), 209, 251, 249 u 339(1)(e) tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li **tikkundanna lil imputat CARMEL CAMILLERI ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal perjodu massimu ta' erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, qed tpoggi lil hati taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu massimu ta' erbgha snin mill-lum u dan taht l-ordni tal-Ufficjal Sorveljanti Miriam Sevasta.**

**Il-hati Carmel Camilleri ghandu jzomm kuntatt regolari mal-Ufficjal Sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista minn zmien ghal zmien jinghata minn dak l-Ufficjal u l-hati ghandu javzah b'kull tibdil fl-indirizz tieghu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil Ufficjal Sorveljanti Miriam Sevasta ai termini tal-artikolu 28G(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-hati u x’jigri f’kaz li jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------